# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 14 ta’ Ottubru 2021**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Frank A. Tabone)**
**vs**
**Elkien Cauchi**

**Drogi Numru 183/2019**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Elkien Cauchi ta’ 27 sena, iben Jesmond u Sabrina nee’ Vella, imwieled Pieta’ nhar it-23 ta’ Lulju 1991, residenti gewwa numru 73, Wuthering Heights, Triq il-Pellegrinagg tar-Roti, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 372591M.

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar it-08 ta’ Gunju 2018 u fil-granet ta’ qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali mahrug a tenur tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta'Malta biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali[1].

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-ufficjal prosekutur is-**Supretendent Frank Anthony Tabone**[2] spjega li a bazi ta' informazzjoni li kellha l-pulizija kien ottjena mandat ghal tfixxija f' pastizzerija f' Rahal l-Gdid[3]. Fuq struzzjonijiet tieghu dan il-mandat gie esegwiet fit-8 ta' Gunju 2018. Ix-xhud spjega li fuq il-post kien hemm Yan Cauchi[4] u l-imputat. Saret it-tfixxija u f'sink fin-naha ta' wara tal-pastizzerija instabu hames sachets b'sustanza hadra suspettata cannabis; l-imputat qal lill-pulizija li dik is-susranza kienet tieghu. Fuq il-persuna ta' Yan Cauchi instabet sustanza simili. Minbarra din is-sustanza fil-fond imsemmi instabu xi flus suspettati li kienu foloz. Iz-zewg persuni imsemmija Yan Cauchi u Elkien Cauchi gew arrestati u ttiehdu d-depot. Meta waslu hemm u Elkien Cauchi kien qed jigi skortat fic-CID yard rema sachet ohra li kienet ghadha fil-pussess tieghu u li fiha kien hemm ukoll sustanza hadra suspettata cannabis. Il-pulizija li kienu mieghu ndunaw u gabruha mill-art. Ix-xhud esebixxa zewg mobile phones elevati mill-pussess ta' l-imputat: wiehed ta'l-ghamla iPhone u l-iehor ta' l-ghamla Samsung[5] kif ukoll l-ircevuta relattiva[6]; dikjarazzjoni rilaxxjata mill-imputat dwar ir-rifjut ta' assistenza legali[7]; l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat[8]; u zewg evidence bags issigillati li fihom kien hemm il-hames sachets li instabu fis-sink, is-sachet li kienet ghada fil-pussess ta'l-imputat u remiha fic-CID yard[9]; evidence bag iehor li fih kien hemm tlett karti tal-mitt Euro[10].

Illi l-ufficjali tal-pulizija li kienu nvoluti fit-tfixxija fil-pastizzerija u l-arrest ta'l-imputat xehedu quddiem din il-Qorti; dawn kienu **PC1440 Sergio Spiteri**[11], **ex-PS1086 Johann Micallef**[12], u **PC1183 Oliver Borg**[13]. It-tlett

[1] Fol 4.
[2] Depozizzjoni a fol 13.
[3] Ix-xhud qal x'jisimha il-pastizzerija u l-isem jirrizulta mill-atti.
[4] Li huwa hu l-imputat.
[5] Dok FT7.
[6] Dok FT1 a fol 18
[7] Dok FT2 afol 19.
[8] Dok FT3 a fol 20.
[9] Dok FT4 u Dok FT5 rispettivament.
[10] Dok FT 6.
[11] Depozizzjoni a fol 57.
[12] Depozizzjoni a fol 62.
[13] Depozizzjoni a fol 69.

ufficjali ikkonfermaw li meta saret it-tfixxija fis-sink li kien fuq in-naha ta' gewwa tal-hanut instabu hames sachets b'sustanza hadranija fihom. Ikkonfermaw ukoll li l-imputat assuma responsabbilta tas-sustanza misjuba fil-hanut. Ex-PS1086 Micallef zied (in kontro-ezami) li fil-hin ta'l-arrest fil-hanut kien hemm ukoll hu l-imputat Yan Cauchi fil-waqt li PC1183 Borg qal li kien hemm ukoll missier l-imputat.

Illi fil-kors tal-kumpilazzjoni gew nominati tlett esperti:

- **Gilbert Mercieca** biex janalizza is-sustanza misjuba: mid-depozizzjoni[14] u r-relazzjoni tieghu[15] jirrizulta li s-sustanza mehuda mis-sitt sachets kienet kollha identifikata bhala partijiet mill-pjanta tal-cannabis b'piz totali ta' 6.097 grammi; il-percentagg medju ta' cannabinoid THC kien ta' 8.08%. Is-sachets li nstabu fil-hanut kellhom piz ta' 5.004 grammi u s-sachet li nstabet fiz-zarbun u ntremiet fic-CID yard wahedha kellha piz ta' 1.093 grammi. Mir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta'l-espert Mercieca jidher li l-boroz kellhom bejn wiehed u iehor l-istess ammont ta' sustanza fihom.

- **Keith Cutajar** biex jaghmel estrazzjoni tal-mobile phones. Mid-depozizzjoni[16] u r-relazzjoni tieghu[17] jirrizulta il-mobile ta' tip Samsung gie wiped ftit granet qabel pero fih kien hemm SD card li giet moqrija b'success. L-iPhone kien pin-locked u ghalhekk ma setax issir l-estrazzjoni tad-data[18] pero fih kien hemm SIM card u l-estrazzjoni tad-data minn din is-Sim card setghet issir. Mill-estrazzjonijiet pero ma tirrizulta l-ebda informazzjoni relevanti jew utli ghall-kaz in ezami.

- **PC844 Carl Micallef** biex isiru ezamijiet kimici ghal zvilupp ta' impronti, fuq is-sachets li fihom instabet id-droga. Mid-depozizzjoni[19] u relazzjoni tieghu[20] irrizulta li mill-ezamijiet li saru ma gew zviluppati l-ebda impronti.

Illi kif intqal **l-imputat** irrilaxxja stqarrija[21]. Huwa spjega li jahdem fil-pastizzerija fejn gie arrestat u li dik il-pastizzerija hija ta' missieru; ikkonferma li fil-hin ta'l-arrest kien hemm huh li jahdem hemm ukoll. L-imputat ikkonferma li fil-pastizzerija instabu il-hames sachets bis-sustanza fihom, u t-

---

[14] A fol 25.
[15] Dok GM1 a fol 27.
[16] A fol 36.
[17] Dok KC1 a fol 38.
[18] Ghandu jigi rilevat kif gustament irrilevat d-difensur ta'l-imputat waqt is-sottomissjonijiet finali, li meta kien qed jirrilaxxja l-istqarrija l-imputat ta l-PIN ta'l-iPhone. Jidher pero li dan il-PIN ma giex komunikat lill-espert nominat.
[19] A fol 73.
[20] Dok CM1 a fol 75.
[21] Dok FT 3 a fol 20.

tlett karti tal-mitt Euro. Dwar il-hames sachets jghid li s-sustanza hija cannabis u li kienu tieghu ghall-uzu tieghu; jghid li hallihom hemm biex johodhom id-dar. Mistoqsi ghalfejn hallihom fuq is-sink jekk kienu ghalih jghid li fil-but il-hin kollu jkollu l-flus tal-hanut u ma qeghdomx hemm. Dwar il-flus foloz jghid li ”kien belaghhom hu” xi erbgha snin qabel u kien hallihom fis-safe tal-hanut. L-imputat ikkonferma ukoll li dik is-sachet li intremiet fil-yard tac-CID kienet tieghu  u ukoll kien fiha cannabis. Spjega li qabel dik is-sachet kienet fil-but u x’hin il-pulizija dahlu fil-hanut beza’, harigha mill-but u qeghda fiz-zarbun mbaghad meta waslu d-depot remiha ma’l-art hdejn il-karozza. L-imputat insista li d-droga kienet kollha ghalih u li kien xtraha dak in-nhar stess fil-ghodu; qal ukoll li hu qatt ma biegh minnha mill-hanut. L-imputat ikkonferma ukoll li z-zewg mobile phones li gew mehuda mill-pussess tieghu kienu tieghu: l-iPhone kien il-mobile personali tieghu u is-Samsung kien ilu ghandu xi tlett gimghat. Dwar dan il-mobile jghid li kien gie ragel il-hanut u talbu ghoxrin Euro u bhala garanzija hallielu l-mobile. Aktar minn hekk f’l-istqarrija l-imputat gie mistoqsi dwar tlett grossos sigaretti bla dazzju li nstabu fil-karozza tieghu, karozza ta’ tip BMW. Dwar dawn is-sigaretti jghid li tlett gimghat qabel waqaf xi hadd quddiem il-hanut u saqsih jekk iridx jixtri sigaretti bil-kontrabandu u hu accetta; zied li ma kienx ser ibieghhom imma jaghtihom liz-ziju tieghu ghax ipejjep hafna.

Illi fuq talba ta’l-imputat giet nominata l-ufficjal tal-probation Marilyn Attard biex jithejja Social Inquiry Report. Mid-depozizzjoni[22] u r-report[23] taghha jidher li l-imputat fil-passat kien juza cannabis b’mod regolari pero kemm ilhom pendenti l-proceduri odjerni huwa waqaf. Ix-xhud ikkonfermat li l-imputat ghandu impjieg fiss mal-kumpanija tal-familja, u ghandu relazzjoni stabbli mas-siehba tieghu li flimkien maghha ghandu tarbija.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-proceuduri odjerni l-imputat qed jigi addeietat b’zewg imputazzjonijet: pussess semplici u pussess aggravat ta’ cannabis grass.

Illi mill-provi processwali jirrizulta ampjament li meta l-pulizija marru jaghmlu tfixxija fil-pastizzerija fuq imsemmija instabu hames sachets b’sustanza hadranija fihom. Fil-hin tat-tfixxija fil-hanut ma kienx hemm biss l-imputat imma kien hemm ukoll huh (li fil-pussess tieghu ukoll instab sachet b’sustanza simili) u jidher li kien hemm missierhom ukoll. Minkejja l-prezenza ta’ dawn iz-zewg persuni l-imputat assuma r-responsabbilta ghal dawn is-sachets u qal li huma tieghu; haga li baqa’ jtenni anke f’l-istqarrija. Aktar minn hekk jirrizulta ukoll li fuq il-persuna tieghu kellu sachet iehor li eventwalment, meta kien fic-

---

[22] A fol 98.

[23] Dok MA1 a fol 100.

CID yard, remih; anke fil-kaz ta' dan is-sachet l-imputat jammetti li kien tieghu. Ir-rapport tal-espert Gilbert Mercieca mbaghad jikkonferma li s-sustanza li kien hemm fis-sitt sachets kienet cannabis.

Illi fil-verita l-imputat mhux qed jikkontesta li d-droga li nstabet kienet tieghu; dak li qed jikkontesta huwa li l-allegazzjoni li dik id-droga ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi l-Qrati taghna pronunzjaw ruhhom diversi drabi dwar il-pussess aggravat u l-prova necessarja biex jinghad li jissussisti dan ir-reat. Fis-sentenza mghotija fil-kawza f'l-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Borg[24] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali wara li ghamlet referenza ghas-sentenza mghotija minn dik l-istess Qorti fil-kawza Pulizija vs Marius Magri[25], qalet hekk:

> *.... dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwisjtoni ma kienx ghall-uzu esklussiv jigifieri ghall-uzu biss tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App Krim. "Il-Pulizija vs Carmel Degiorgio" [26.8.1998]. Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali: "il-Pulizija vs Carmelo Spiteri" [2.9.1999].)*
>
> *Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmlu il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anke jekk mhux neccessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizijia vs Brian Caruana" [23.5.2002]).*

[24] Deciza fit-12 ta' Frar 2009.
[25] Deciza fit-12 ta' Mejju 2005.

Illi dawn is-sentenzi gew citati b'approvazzjoni mill-istess Qorti ta'l-Appell Kriminali f'sentenza ferm aktar ricenti u cioe Pulizija vs Dorothy Refalo[26], fejn il-Qorti ghamlet referenza ukoll ghal gurisprudenza ohra dwar l-element intenzjonali rikjest biex jissussisti r-reat issa in ezami. B'mod partikolari irreferiet ghas-sentenza mghotija fil-kawza f'l-ismijiet Pulizija vs Jason Mallia[27] fejn intqal hekk:

> *Qabel xejn għandu jiġi preċiżat li* **mhux korrett** *li wieħed jgħid li biex tikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplat fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 irid ikun hemm provi li juru li l-possessur kellu l-animus li jispaċċa d-droga. Jekk tiġi ippruvata miċ-ċirkostanzi, tali intenzjoni allura ċertament dak il-pussess ma jkunx għall-użu esklussiv tal-possessur. Iżda tali intenzjoni mhix meħtieġa għall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li liġi tirrikjedi hu li jiġu ppruvati ċirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinċent morali 'li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati.' Fi kliem ieħor. Jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix beħsiebha tuża, tali pussess ikun jammonta għal pussess mhux għall-użu esklussiv tal-pussessur, ukoll jekk il-pussessur ikun għadu ma ddeċidiex kif bi ħsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza ddroga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha.*

Illi din is-sentenza (Pulizija vs Jason Mallia) giet citata b'approvazzjoni ukoll fis-sentenza mghotija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza Il-Pulizija vs Lawrence Fabri[28] liema Qorti mbaghad kompliet biex taghmel referenza ghal linji gwida addottati fil-gurisprudenza Ingliza meta si tratta tar-reat ta' *possession with intent to supply* taht il-Misuse of Drugs Act 1971[29] li jistghu jittiehdu in konsiderazzjoni ukoll mill-Qrati taghna fil-kunsiderazzjoniijiet dwar jekk id-droga misjuba fil-pussess ta' persuna ma kenitx ghall-uzu esklussiv taghha.

---

[26] Deciza fis-26 ta' April 2019.
[27] Mghotija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fit-2 ta' Settembru 1999.
[28] Deciza fit-17 ta' April 2017.
[29] Li kif jirrizulta mill-bran kwotata mis-sentenza Pulizija vs Jason Mallia huwa reat differenti minn dak li jemergi mill-Kapitolu 101 (u l-Kapitolu 31) tal-Ligijiet ta' Malta dwar pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-persuna koncernata.

*... ... bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.*

*"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*

- *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*
- *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*
- *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*
- *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*
- *Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*
- *Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*
- *Money found on the defendant. was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*
- *Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69. 18*
- *Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case."*

*Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:*

*"Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article may be inferred from objective factual circumstances."*

*Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab filpussess tad-delinkwent, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-*

*ammont , kwalita jew kwantita ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita. Illi allura l-Ewwel Qorti iggwidat b'dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u legali sewwa ghamlet meta minn ezami tac-cirkostanzi tal-kaz setghet fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi tinferixx illi d-droga li instabet fil-pussess ta'l-appellanti kienet tali li tindika li din ma kenitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.*

Illi mis-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni jidher li l-imputazzjoni dwar pussess aggravat qed tigi bazata primarjament fuq l-ammont ta' droga misjsuba cioe 5.004 grammi fil-hanut u 1.093 grammi fuq il-persuna ta'l-imputat. Minbarra l-ammont hemm cirkostanzi ohra li huma relevanti u cioe l-fatt li l-5.004 gramma misjuba fil-hanut kienu diga maqsumin f'hames sachets li mir-ritratti jidhru li huma ta' piz simili hafna ghal xulxin. Il-pakkett li kien fuq il-persuna ta'l-imputat u ntrema fil-yard tac-CID jidher li kien f'pakkett simili ghall-ohrajn u ta' piz simili ukoll.

Illi fil-verita l-ammont ta' droga misjuba ghalkemm mhux mhux wiehed irrizorju lanqas hu wiehed allarmanti. U ghalkemm s-sustanza kienet maqsuma f'sachets individwali, fatt hafna drabi indikattiv ta' spacc, fil-kaz in ezami l-Qorti ghandha dak il-*lurking doubt* u fin-nuqqas ta' prova ohra mhiex sodisfatta li r-reaita ta' l-imputat giet pruvata 'l hemm minn dubbju dettat mir-raguni fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni. Konsegwentement l-imputat qed jinstab hati biss tat-tieni imputazzjoni.

Illi fir-rigward tal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni in-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u x-xorta u l-kwantita ta' droga li nstabet fil-pussess tieghu; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali netta ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, ssib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah multa ta' elf Euro (€1,000). In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat biex **ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti is-somma ta' tlett mija erbgha u ghoxrin Euro u hamsin centezmu (€324.50)** rapprezentanti ispejjez rinkorsi mal-hatra ta'l-espert Gilbert Mercieca.

In konkluzzjoni l-Qorti qed **tordna d-distruzzjoni tad-droga u oggetti esebita Dok FT4 u Dok FT5** u dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**